

# Tagħrif ħafif mit-Testment il-Ġdid dwar San Ġużepp u d-Devozzjoni tal-Maltin lejn San Ġużepp

**Minn Loreto Dalli**



L-ewwel żewġ persunaġġi li kitbu fuq dan il-qaddis kienu San Mattew u San Luqa. Skont San Mattew, San Ġużepp ġej mir-razza ta' David. Fil-fatt vers skont Luqa jgħid hekk- '***Ġużeppi, bin David, xejn la tibża' tieħu lil Marija b'martek.***' Hawn skont San Luqa, jidher ċar li Ġużeppi kien ġej minn din ir-razza. (ta' David). Huwa evidenti li missieru huwa kif qal San Luqa, Għeli, (Speċi ta' laqam tar-razza fuq in-naħa ta' David) għax dan qaluh in-nies ta' Ġerusalemm stess. (Ġerusalemm il-Belt il-Qaddisa).

San Ġużepp kien il-Kustodju msejjaħ minn Alla biex jieħu ħsieb lit-tarbja Ġesù u lil Marija. Kien raġel żagħżugħ vera qaddis u mhux xiħ kif huwa ppreżentat f'ħafna stampi u statwi tiegħu.. ***imma***.! Għalkemm kienu miżżewġin, it-tnejn baqgħu verġni. Huwa kien Missier legali ta' Ġesù. La Marija hija ommu verġni, hekk ukoll Ġużeppi huwa Missieru Kast, Fil-fatt San Ġużepp jissemma wkoll meta mar ma' Marija l-Eġittu biex isalvaw lil Ġesù u meta Ġesù ntilef fit-tempju u wara tlett ijiem sabuh.

Il-Vanġelu jesprimi l-qdusija ta' dan ir-raġel b'kelma waħda li kien "ġust" (skont San Mattew)

Iż-żwieġ ma kienx isir bħalma nafuh illum. Iż-żwieġ kien jinvolvi prinċipalment lil missirijiet tal-għarajjes. Jekk il-missier ikun mejjet, jiġi involut l-iben il-kbir. (Għad baqa' postijiet fid-dinja b'dan ir-rit) Ir-rabbi jiffissa l-età minima li fiha wieħed seta' jiżżewweġ. Tnax-il sena għall-bniet u tlettax għas-subien. L-għarajjes kienu jitlaqqgħu mill-ġenituri taż-żewġ naħat aktar tard.



## L-Istorja tad-Devozzjoni

Fl-ewwel tliet sekli tal-Knisja, San Ġużepp intesa jew twarrab xi ftit mill-kittieba biex jispikka aktar Ġesù. San Ġużepp reġa' beda jissemma fir-raba' seklu minn San Ġwann Griżostmu u San Ġilormu u Santu Wistin. Santu Wistin tkellem fuq il-qdusija u ż-żwieġ tiegħu.

Id-devozzjoni lejh bdiet mill-Insara Kopti fl-Eġittu. Iżda fil-Punent San Ġużepp reġa' twarrab fis-sekli ta' wara, u kien propju fit-13-il seklu meta reġa' ssemma minn San Tumas, li kiteb fuq iż-żwieġ qaddis ta' Ġużeppi u Marija u fuq il-Verġinità tagħha.

L-Arċisqof ta' Chambrai kien għamel trattat fuq it-12-il Glorja ta' San Ġużepp fl-1495. San Bonaventura, il-kittieb Franġiskan tant magħruf, kiteb fuqu wkoll. San Bernard ta' Siena(ikkanonizzat fil-24 ta Mejju ta' 1450 ġewwa Ruma) għamel studju wkoll billi ħa ħsieb jgħaqqad il-kitbiet ta' qabel biex it-tagħlim jinġabar fi ktieb wieħed. Isidoro Isolari għamel trattat ta' Teologija Ġużeppina fis-seklu ħmistax: "Summa de Donis S.Joseph". **(Bibliothèque jésuite des Fontaines).**

Fl-1621, il-Papa Girgor XV għamel il-**festa ta' San Ġużepp fid-19 ta' Marzu bl-obbligu tal-quddies**. Nhar it-8 ta' Diċembru 1870, San Ġużepp ġie iddikjarat Patrun tal-Knisja Universali u d-**19 ta' Marzu** ntgħażlet biex tkun iddedikata lilu. Dan sar mill-Beatu Papa Piju IX. Fuq San Ġużepp kitbu wkoll San Piju X, Papa Benedittu XV, Piju XI u Piju XII. Fl-1955 il-Papa Piju XII iddedika l-ewwel ta' Mejju lil San Ġużepp bħala Patrun tal-Ħaddiema. Il-Beatu Papa Ġwanni XXIII, (il Papa Buono) għażel

lil San Ġużepp bħala Patrun tal-Konċilju Vatikan II f'ittra tiegħu tad-**19 ta' Marzu 1961.**

### Id-Devozzjoni tal-Maltin lejn San Ġużepp, fil-gżejjer Maltin

Id-devozzjoni lejn San Ġużepp hija mxerrda sew fil-gżejjer Maltin. Dan narawh fid-diversi knejjes li hawn iddedikati lil dan il-patrun, u d-diversi festi li jiġu ċċelebrati ad unur tiegħu. Il-knejjes prinċipali ddedikati lilu jinsabu fl-Imsida, fil-Manikata, fil-Kalkara, fil-Qala Għawdex, f'Birkirkara u fir-**Rabat** Malta. (Il-qofol tad-devozzjoni Maltija.) Kważi f'kull knisja f'Malta nsibu xi statwa, artal jew fratellanza li huma iddedikati li San Ġużepp. Fost l-artali b'devozzjoni qawwija lejn San Ġużepp insibu dak tal-mewt tal-istess qaddis ġewwa l-knisja tal-Parroċċa Arċimatriċi u Arċipretali, tal-Gudja xogħol il-pittur Domenico Bruschi ta' Perugia.


L-Altar ta' San Ġużepp fil-Parroċċa Arċimatriċi tal-Gudja

### Id-Devozzjoni lejn San Ġużepp ix-Xiħ tar-Rabat (tal-Imdina)

Fir-Rabat insibu statwa Inkurunata magħrufa mir-Rabtin u l-Maltin bħala San Ġużepp ix-Xiħ għaliex hija l-eqdem xbieha f'dawn il-gżejjer. F'din is-sena ġiet restawrata għand id-ditta ta' Atelier del Restauro fi Triq Marco Montebello tal-Mosta.*.

L-oriġini ta' din l-istatwa kienet bħala dekorazzjoni fuq xini tal-ordni ta' San Ġwann mal-Karrakka Sant'Anna. Skont it-tradizzjoni din l-Istatwa ġiet regalata lill-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp mill-Ewwel Gran Mastru ta' Malta Philippe Villiers de L'Isle Adam. (li l-banda Ġużeppina ġewwa Rabat iġġib ismu) Maż-żmien kibret id-devozzjoni lejha. L-Istatwa ħarġet f'bosta pellegrinaġġini meta kien ikun hawn nuqqas ta' xita, li f'dan il-kas kienu jlibbsuh kapozza għaliex waqt jew wara l-pellegrinaġġ kienet tagħmel ix-xita. (din is-sena għandna bżonn kbir tagħha) Meta Malta kellha l-marda tal-Pesta (F'żewġ dati dik ta' 1676 u 1813) u l-Kolera l-poplu rrikorra bi ħġaru jitlob l-interċessjoni ta' San Ġużepp. Matul il-bidu tas-seklu 20 bdiet tinħass il-ħtieġa għall-Inkurunazzjoni tal-Vara Devota u Mirakoluża ta' San Ġużepp ix-Xiħ. Dan il-proċess wassal għall-Inkurunazzjoni tal-Vara ta' San Ġużepp fit-3 t'April 1949. (minn issa 'l quddiem sa niltaqgħu ma' ħafna dati, ta' kuraġġ u taqtigħ il-qalb, kif ġej)

F'Konsulta Ġenerali Strordinarja tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, li saret fl-Oratorju tal-istess fratellanza fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù fir-Rabat ġie mħabbar mir-Rettur ta' dak iż-żmien, Mons. Dun Giuseppe Vassallo, biex tinħatar kummissjoni mill-istess Fratellanza, sabiex taħdem ħalli jkun jista' jinkiseb il-permess meħtieġ mis-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti, biex l-istatwa antika ta' San Ġużepp tiġi inkurunata. Din l-aħbar ġiet milqugħa b'akklamazzjoni kbira u b'ċapċip kbir mill-membri preżenti li kienu ilaħħqu 'l fuq minn mitejn ruħ. (Ġużeppini) dan seħħ fl-1 ta' Ġunju 1949.

Fil-laqgħa li kienet saret fl-Oratorju ta' San Ġużepp fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, iltaqgħet għall-ewwel darba l-Kummissjoni tal-Inkurunazzjoni biex din tagħmel it-talba tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, tal-poplu tar-Rabat, tal-Imdina u tal-Poplu Malti kollu biex tiġi inkurunata l-Istatwa ta' San Ġużepp.

Fl-10 ta' Diċembru 1949 (jum il-festa tal-Madonna taħt it-titlu ta' Loreto), fil-laqgħa li kienet saret fl-Oratorju ta' San Ġużepp fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù ġie deċiż li għandha tintbagħat petizzjoni lill-Qdusija Tiegħu l-Papa mill-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat ta' Malta f'isem il-poplu Malti iffirmata minn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi.

10 ta' Jannar 1950: fil-laqgħa li saret għall-membri tal-Kummissjoni tal-Inkurunazzjoni, fl-Oratorju ta' San Ġużepp fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù. Il-President tal-imsemmija Kummissjoni n-Nobbli Kavallier Alexander dei Marchesi Apap Bologna, stieden lir-Rev. Patri Mro. Benedetto Pirotta O.S.A.biex jaqra' l-petizzjoni li kien ħejja, biex din wara li ġiet iffirmata mill-membri tal-imsemmija Kummissjoni, intbagħtet lis-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti fuq rakkomandazzjoni ta' Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi.

Fil-fatt din il-petizzjoni ġiet mibgħuta fit-data tat-12 ta' Jannar 1950.

30 ta' Marzu 1950: F'laqgħa li saret għall-membri tal-Kummissjoni tal-Inkurunazzjoni, fil Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù. Il-President tal-imsemmija Kummissjoni, qara l-ittra tat-18 ta' Marzu 1950, maħruġa mis-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti, li ġiet mibgħuta lill-Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi, b'risposta għar-rikors li kienet għamlet l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp. Fejn fl-imsemmija ittra, il-Kongregazzjoni tar-Riti, ċaħdet it-talba tal-inkurunazzjoni tal-Istatwa ta' San Ġużepp.

30 ta' Novembru 1950: Reġa' sar tentattiv ieħor biex it-talba tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp u tal-Poplu Malti sabiex tiġi inkurunata l-istatwa ta' San Ġużepp, tiġi aċċettata mis-Sagra Kongregazzjini tar-Riti. Dan kellu jsir permezz tal-Wisq Rev. Patri Provinċjal Anġeliku Azzopardi O.F.M. flimkien mal-Mastru Ġenerali tal-istess Ordni, il-wisq Rev. Patri Pacifico Perantoni, bil-permess tal-Kummissjoni tal-Inkurunazzjoni.

28 ta' Diċembru 1950 il-Kongregazzjoni tar-Riti, fid-data msemmija reġgħet ċaħdet it-Talba tal-Inkurunazzjoni.

29 ta' Mejju 1956: fil-laqgħa li saret għall-Kummissjoni tal-Inkurunazzjoni, inqara d-dokument fejn fih reġgħet saret mill-ġdid it-talba lis-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti, għall-Inkurunazzjoni tal-istatwa ta' San Ġużepp.

L-1 ta' Ġunju 1956, l-imsemmi dokument (rikors) ġie ffirmat mill-membri tal-imsemmija Kummissjoni u minn Mons. Arċisqof Gonzi. Wara, dan id-dokument ġie mibgħut mill-Ministru Provinċjal tal-Minuri Patri Alfons Camilleri lill-Prokuratur Ġenerali tal-Ordni, l-Wisq Rev. Patri Ferdinando Antonelli (Konsultur Kwalifikat tal-Kongregazzjoni tar-Riti). Dan id-dokument ġie ppreżentat lis-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti. Fil-fatt ftit jiem wara l-imsemmi rikors ġie aċċettat mill-istess Kongregazzjoni.

27 ta' Lulju 1956: Ġewwa Castell Gandolfo l-Q.T l-Papa Piju XII, ħareġ id-Digriet tal-Inkurunazzjoni tal-Istatwa ta' San Ġużepp.

Fit-3 ta' Settembru 1956: il-Ministru Provinċjal l-Wisq Rev. Patri Alfons Camilleri O.F.M. irċieva l-aħbar mingħand il-Prokuratur Ġenerali l-Wisq Rev. Patri Ferdinando Antonelli O.F.M., li l-Kardinal Prefett tas-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti kien laqgħa t-talba biex l-istatwa ta' San Ġużepp tiġi nkurunata. Wara t-talba ġiet moqrija quddiem is-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti, biex imbagħad il-Papa ta l-approvazzjoni tiegħu u ħareġ id-Digriet taħt forma ta' Brevi.(*nota Papali)

27 ta' Novembru 1956: il-Ministru Provinċjal Patri Alfons Camilleri O.F.M. irċieva d-digriet "Brevi Appostoliku" mingħand il-qdusija Tiegħu l-Papa Piju XII, li bih, l-istatwa ta' San Ġużepp setgħet tiġi nkurunata.

7 t'Ottubru 1956 fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù fl-għaxra u kwart ta' filgħodu il-wisq Rev. Patri Provinċjal Alfons Camilleri O.F.M. qara' l-Brevi Appostoliku tal-Papa Piju XII, quddiem folla kbira ta' nies li nġabret fil-Knisja u wara tkanta "Te Deum" b'ringrazzjament lil-Alla ta' dan il-Privileġġ hekk kbir.

**1 ta' Mejju 1963** l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi, inkuruna Solennament il-Vara ta' San Ġużepp b'żewġ kuruni tad-deheb fin u ħaġar prezzjuż waħda fuq ras il-Bambin u l-oħra fuq ras San Ġużepp. L-Inkurunazzjoni saret fuq il-Fosos tal-Furjana quddiem folla numeruza ta' mitt elf ruħ. ***Hawn hekk ġbarna ġrajja ta' 55 sena ilu.***

### Kappelli ddedikati lil San Ġużepp

F'Birżebbuġa nbniet kappella ddedikata lil San Ġużepp li għadha tezisti sal-lum, għalkemm mhix aċċessibbli għan-nies għax tinsab ġo dar privata, u għalhekk ftit jista' wieħed jidħol fiha. Minn barra, wieħed jista' jaraha u jagħrafha żgur billi l-kampnar tagħha li hu ta' stil differenti dak Korint li jisboq bini ieħor. Minn ġewwa hija kappella sempliċi u żgħira. Fiha nsibu kwadru li juri lil San Ġużepp bil-Bambin. Mal-bieb ta' barra hemm kitba li tgħid li kull min jgħid Pater, Ave u Gloria quddiem ix-xbieha ta' San Ġużepp li hemm ġewwa l-knisja għal erbgħin jum jaqla' indulġenza.

Kappella oħra ċkejkna ddedikata lil San Ġużepp li wieħed ukoll diffiċli jkollu aċċess għaliha hija dik li tinsab ġewwa Wied il-Għajn. Din tinsab ħdejn ix-xatt. Kien bniha ċertu wieħed jismu Wenzu Bigeni għaliex kien devot ta' San Ġużepp u x-xewqa tiegħu kienet li meta jmut jindifen fiha kif fil-fatt hekk ġara. Din il-kappella nbniet fuq il-pjanta tal-Perit Soler. Maż-żmien din il-knisja saret privata u mbagħad inħattet biċċa sew minnha.

F'Ħaż-Żabbar insibu knisja, u wkoll istitut li hu ddedikat lil San Ġużepp. Dawn għadhom jeżistu sal-lum u wieħed faċli jkollu aċċess għalihom. L-Istitut u l-knisja jinsabu inti u dieħel Ħaż-Żabbar. L-Istitut kien jintuża biex jilqa' fih bniet iltiema u għadu f'idejn is-Sorijiet Dumnikani. Il-fundatur tiegħu kien Patri Feliċjan Grech li kien Dumnikan. L-ewwel ġebla tiegħu tqiegħdet fit-2 ta' Lulju 1930 fuq il-pjanta tal-**Perit Ġużeppi Pace** mill-Gudja u x-xogħol intemm fis-7 ta' Novembru 1937. Il-knisja li nbniet ma' dan l-istitut fuq pjanta tal-istess perit, kienet ikkonsagrata mill-Arċisqof Gonzi fl-14 ta' April 1961. Fiha artal wieħed li naturalment huwa ddedikat lil San Ġużepp. Minn ġewwa hija mżejna

b'diversi pitturi sbieħ li huma maħduma mill-pittur Ġużeppi Briffa. It-titular juri lil San Ġużepp..

F'San Pawl il-Baħar insibu wkoll knisja ddedikata lil dan il-qaddis. Din ġiet imbierka minn Mons. Mikiel Gonzi u kien ukoll hu li qiegħed l-ewwel ġebla tagħha fis-6 ta' Diċembru 1959. Din il-knisja tellgħuha l-patrijiet Kappuċċini u kienet taħt it-titlu ta' San Ġużepp Ħaddiem. (**Xemxija**.) Il-pjanta saret mill-magħruf Kavallier Ġużè D'Amato. Il-knisja kellha koppla, għamla ottangonali, b'dijametru ta' 32 metru u kienet mibnija fuq stil modern. Kien fiha tliet artali. Fost l-iktar kwadri popolari kont issib dawk li kienu jinsabu ħdejn l-artal tax-xellug fosthom il-kwadru ta' San Ġużepp bil-Bambin. Minn barra dan il-kwadru nsibu wkoll statwa ta' dan il-qaddis xogħol ta' Wistin Camillieri.

Kien sar studju fuq l-art li fuqha nbniet il-knisja u nstab li l-art kienet taflija u kollha xquq kbar, għal daqstant twaqqgħet fl-1988 biex tinbena mill-ġdid.

Imbagħad għandna l-parroċċa tal-Manikata, taħt il-ħarsien ta' San Ġużepp. Ir-raħal żgħir tal-Manikata sar parroċċa fl-1975. Il-knisja parrokkjali ddedikata lil San Ġużepp inbniet mill-Perit Richard England li ġie ispirat mill-girna li xi kultant naraw f'nofs xi għalqa li fiha l-bdiewa jerfgħu l-għodod tagħhom. Dan għidtu għaliex, allavolja fiż-żminijiet modern, xorta San Ġużepp huwa fil-qlub ta' ħafna Maltin. (il-knisja tal-Manikata bdiet tinbena fis-Sajf ta'1967.)

**Referenzi:**


Il-Bibbja ta' Mons Karm Sant.
Arċikonfraternità ta' San Ġużepp...Rabat Malta.
Kappelli – f'Malta.
Leħen Ħaż-Żabbar.
Bijografija ta' Richard England.
Loreto J. Dalli.






